# Beati u Qaddisin....Lulju

**SAN GIOVANNI JONES ( ???? - 1598)**

**12 TA' LULJU**

Giovanni Jones, membru ta' familja tajba minn Wales li baqa' fidil lejn il-fidi Kattolika, twieled gewwa Clynag Fawr u nghaqad mal-familja frangiskana tal-kunvent f'Grecnwich. Kellu jhalli dan il-kunvent fis-sena 1559 meta l-ordni frangiskana giet soppressa, b'edit mahrug minn Elizabetta I.



Sab kenn mal-konventwali ta' Fontoise gewwa Franza fejn ircieva l-ordni sagri u minn dan il-mument ma nafux izjed informazzjoni fuq hajtu. Pero' niltaqghu mieghu tletin sena wara gewwa Ruma fejn fis-sena 1591 attirat minn linji ta' perfezzjoni akbar dahal ma' l-Orndi ta' l-Osservanti fil-kunvent ta' Ara Coeli.

Wara sena gewwa Ruma, huwa talab lis-Superjuri tieghu biex ihalluh imur l-Ingilterra biex hemmhekk jisvolgi xoghol missjunarju. Qabel ma halla ghal Ingilterra huwa talab udjenza mal-Papa Klement VIII fejn urieh l-iskop tal-missjoni tieghu filwaqt li talbu l-benedizzjoni tieghu.

Il-wasla tieghu gewwa l-Ingilterra kienet lejn it-tmiem tas-sena 1592. Huwa waqaf ghal xi zmien gewwa Londra bhala mistieden tal-Geswita Fr Gerard. Wara beda' il-missjoni tieghu b'hidma ghas-

salvazzjoni tal-bnedmin. Erba' snin wara jigifieri fis-sena 1596 huwa gie arrestat mill-persekutur feroci tal-kattolici RiccardoTopcliffc. Mitfugh gewwa habs huwa kien ittorturat bl-aktar mod krudili biex jisfurzawh jirrivela l-ismijiet ta' dawk li kienu jghinuh fl-appostolat. Imma kien kollu ghalxejn ghaliex fommu baqa' sieket biex ma jgib lil hadd fl-inkwiet.

Matul it-tlett snin ta' prugunerija bosta nies segwaci tieghu kienu jmorru izuruh. Bl-ezempju qawwi tieghu huwa rnexxilu jgib lura fi hdan il-knisja kattolika lil G. Rigby, lajk li ghal xi zmien dar lejn il-Protestantezmu u aktar tard fis-sena 1600  kellu jircievi l-martirju.

Finalment fit-3 ta' Lulju tas-sena 1598 gie issentenzjat ghall-mewt u fit-12 ta' l-istess xahar gie imnehhi.

Rapport dettaljat u ezatt tal-martirju tieghu ghadu preservat ghand l-Ordni. Il-Gizwita H. Garnet kiteb ittra lill- general ta' l-Ordni Claudio Aquaviva tlett ijiem wara u tah rendikont ta' dak kollu li sehh dwar l-esekuzzjoni ta' Jones.

Il-fdalijiet tieghu huma venerati fil-kunvent tal-Konventwali ta' Pontoise. Huwa gie Beatifikat minn Piju XI fis-sena 1929.